Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1625/1995/1

**Formosa & Camilleri Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta' Paolo Bonnici Limited u b'nota tad-19 ta' Jannar 1999 is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited assumiet l-atti ta' din il-kawza bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc minflok is-socjeta Formosa & Camilleri Limited u b'nota tat-12 ta Mejju 2004 is-socjet' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta estera AXA Insurance plc gia Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogate fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paolo Bonnici Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Atlas  Insurance Agency Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta estera Guardian Royal Exchange Assurance plc**

**vs**

**Gollcher Company Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Andrew Weir Shipping Limited armaturi tal-bastiment Sealand Pride u Freeport Terminal Malta Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici nomine ppremettiet:-

Illi s-socjeta' Paolo Bonnici Limited importat mill-Ingilterra konsenja ta' disa' mitt (900) fibreboard cases kontenti breakfast cereals (weetabix) f'container trasportat ghall-vjagg lejn Malta mill-bastiment Sealand Pride li tieghu s-socjeta' estera Andrew Weir Shipping Limited hija l-armatur (Dokument A u B);

Illi wara l-wasla tal-vapur fil-25 ta' Ottubru 1994 (Dok. C), wara li irtira l-merkanzija u waqt il-proceduri tad-destuffing tal-container, l-importatur sab li parti mill-cartons kienu mxarrbin u bil-hsara, kif jirrizulta mir-rapport tas-surveyor tal-Institute of London Underwriters (Dokument D);

Illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurativa mas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici, kif obbligata, ghall-hsara li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' seba' mija wiehed u sittin lira sebghin centezmu (Lm761.70c) li minnhom sitta u hamsin lira (Lm56) kienu agency fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dokument E);

Illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghall-hsara fuq riferita, u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabilita' ghad-danni, baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici nomine talbet li s-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, ghall-hsara fuq riferita; u

2. tikkundannahom, jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u sittin lira sebghin centezmu (Lm761.70c) li minnhom sitta u hamsin lira (Lm56) kienu agency fees in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta' attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Gollcher Company Limited nomine fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' estera Andrew Weir Shipping Limited garret u ikkonsenjat il-container in kwistjoni fl-istat li gie lilha moghti tant li mal-wasla tal-container f'Malta s-sigilli tal-container kienu intatti u di piu ma kien hemm ebda rimarki ohra dwar il-merkanzija;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta li tista' tigi determinata fil-konfront tal-eccippjenti hija limitata ai termini tal-kondizzjonjiiet tal-garr kif inkorporati fl-istess polza ta' kariku;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li s-socjeta konvenuta l-ohra Malta Freeport debitament notifikata naqset li tidher unaqset li tipresenta nota ta' eccezzjonijiet u b'hekk l-istess scjeta konvenuta

ghandha titqies li hi kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici nomine tal-15 ta' April 1997 li biha giet ridotta t-talba ghal erba mija wiehed u sittin lira sebghin centezmu (Lm461.70) stante li mill-merkanzija danneggiata kien hemm salvage valutat u rekuperat fl-ammont ta' tlett mitt liri maltin (Lm300);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-konvenuti Gollcher;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2000;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' Paolo Bonnici Limited importat go "full load container" kwantita' ta' kartuni kontenenti "breakfast cereals (weetabix)" u dana mal-bastiment Sealand Pride. Dan il-bastiment dahal fil-Malta Freeport f'Ottubru 1994. Is-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited hi l-agent tal-armaturi tal-istess bastiment. Wara li l-importaturi irtiraw l-imsemmija merkanzija u meta l-merkanzija kienet qed tinhatt instab li uhud mill-kartuni kienu mxarrbin u bil-hsara;

Jirrizulta ukoll li s-socjeta' attrici bhala assikuraturi hallset lill-importaturi il-valur tal-imsemmija hsarat u b'hekk l-istess importaturi gew indennizzati ghad-danni minnhom sofferti. Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta attrici assikuratrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-imprtaturi in konnessjoni mal-hsarat in kwestjoni. Permezz ta' nota tal-15 ta' April 1997 is-socjeta' attrici assikuratrici rriduciet l-ammont indikat fic-citazzjoni ghas-somma ta' erba mija wiehed u sittin lira u sebghin centezmu (Lm461.70);

Is-socjeta' attrici tippretendi li l-konvenuti jew minn minnhom ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-

imsemmija hsarat u dana stante li qed tippretendi li l-hsarat in kwestjoni sehhew meta il-merkanzija kienet fil-pussess tal-konvenuti jew minn minnhom;

Is-socjeta konvenuta Gollcher Company Limited nomine qed teccepixxi li l-container gie konsenjat fl-istess istat li fih gie moghti lilha u tant li s-sigilli kienu intatti u ma saret ebda rimarka dwar il-merkanzija. Inoltre l-istess socjeta' teccepixxi li fi kwalunkwe kaz ir-responsabilta' taghha hi limitata skond il-polza ta' kariku;

Is-socjeta konvenuta l-ohra Malta Freeport hi kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Jidher li l-bastiment bil-merkanzija dahal fil-Malta Freeport fit-22 ta' Ottubru 1994 u l-container in kwestjoni gie konsenjat lill-importatur fit-8 ta' Novembru 1994. Ghalhekk jirrizulta li fit-22 ta' Ottubru 1994 il-container tnizzel minn abbord u fl-istess data gie konsenjat lill-konvenuti Freeport Terminal Malta Limited. L-istess container gie rilaxxat lill-importatur fit-8 ta' Novenmbru 1994 u sussegwentement l-istess container inhatt meta kien fil-pussess tal-importatur. Ma jirrizultax b'mod car meta effettivament il-container inhatt;

Jirrizulta li numru ta' kartuni nstabu li kienu mxarrbin u b'hekk il-merkanzija go l-istess kartuni kienet danneggiata. Jirrizulta ukoll li fis-saqaf tal-container kien hemm ticrita u jidher li fl-art tal-container kien hemm xi ilma, li kien ilma helu u cioe'mhux ilma bahar;

In vista tal-premess ma jistax jinghad li l-atturi ipprovaw b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet taghhom konta l-konvenuti jw minn minnhom. Ma jirrizultax b'mod sufficjenti kif gie rrekat id-dannu in kwestjoni u dana peress li ma tirrizulta ebda relazzjoni bejn it-ticrita fis-saqaf tal-container, l-ilma li instab fl-art tal-istess container u l-hsarat in kwestjoni. Lanqas ma jirrizulta li l-hsara grat meta il-container kien fil-pussess tal-konvenuti jew minn minnhom. F'dan ir-rigward ma jistax jigi eskluz li l-hsara

grat meta il-container kien gia fil-pussess tas-socjeta importatrici. Konsegwentement it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta attrici nomine;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------